22 ta' Ottubru, 1957

**Imħallfin: —**

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Emmanuela sive Lily Schembri et. *versus* Joseph Schembri et.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Separazzjoni Personali — Interdizzjoni — Liberazzjoni "ab observantia" — Illeġittimità tal-Persuna — Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909 u tal-25 ta' Novembru, 1942.**

*Biex jingħata appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat bi dritt, hemm bżonn illi s-sentenza li kontra tagħha jintalab biex isir dak l-appell tkun definittiva u finali.*

*Jekk f'kawża ta' separazzjoni personali r-raġel konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fuq il-motiv ta' illeġittimità tal-persuna ta' martu attriċi, billi din kienet interdetta, u għalhekk ma setgħetx tagħmel il-kawża għax bħala interdetta ma setgħetx toqgħod f'kawża, la bħala attriċi u lanqas bħala konvenuta, u lanqas seta' jagħmel dik il-kawża l-kuratur tagħha mħabba l-indoli strettament personali tal-azzjoni proposta, u mbgħad dik il-mara ma tibqgħax interdetta, imma tiġi abilitata tidher f'kawżi bl-assistenza tal-kuratur tagħha, ma jistgħax jingħad li s-sentenza mpunjata hija finali u li d-drittijiet tal-mara ġew definittivament u irrimedjabbilment miċħuda; għax hi għandha r-rimedju li terġa tipproponi l-kawża tas-separazzjoni personali. Għaldaqstant, id-domanda tal-mara għall-permess biex tappella minn dik is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina minn dik is-sentenza ma tistgħax tiġi milqugħa.*

*Lanqas tista' dik id-domanda tiġi milqugħa fuq il-motiv li b'dik is-sentenza ġiet riżoluta kwistjoni ta' importanza publika li tirrendi l-istess sentenza, anki mhix finali, appellabbli quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat.*

Il-Qorti;

Rat il-petizzjoni tal-atturi, li talbu li jiġi lilhom mogħti l-permess li jappellaw mid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar 1957 quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina, billi l-materja nvoluta f'dan l-appell teċċedi s-somma ta' £500; u billi l-appellanti ma għandhomx mezzi biex jistgħu jagħmlu dan l-appell, talbu li jiġu amessi jagħmluħ bil-patroċinju gratuwitu;

Rat ir-risposta ta' Joseph Schembri, li oppona, preliminarment, li l-atturi ma jistgħux jappellaw mis-sentenza tat-22 ta' Frar 1957, għaliex aċċettawha u eżegwewha. Infatti huma stess għamlu r-ratizzazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża u ħallsu lid-difensur tal-esponent £40. 17. 6 a saldu tal-ispejjeż li hu kellu jieħu minn għand l-atturi skond l-istess sentenza; u fil-meritu, li ma jidherx li hemm interess ġenerali li jilleġittima l-appell quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina, u lanqas ma jirrikorri r-rekwiżit tal-valur, għaliex l-akkwisti konjugali tal-kontendenti ma għandhom ebda bilanċ attiv, iżda huma notorjament fi stat passiv;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 1957, li biha ġiet respinta l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u ġiet ordnata l-kontinwazzjoni fil-meritu;

Rat fil-fol. 94 in-nota tal-appellanti, li biha rrinunzjaw għall-appell in kwantu jirrigwarda t-tieni talba biex jiġu ammessi jappellaw quddiem il-Privy Council bil-patroċinju gratuwitu;

Rat fil-fol. 95 in-nota tal-appellat Joseph Schembri, li oppona li l-valur għandu jiġi stabbilit in bażi għal dak li ġie deċiż, u, rigwardat b'dan il-mod, ma hemmx valur appellabbli; *li l-preġudizzju li tallega li sofriet Emmanuela* Schembri bis-sentenza ta' din il-Qorti l-lum żgur ma jeżistix aktar, peress li ma għadhiex aktar interdetta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-Order in Council tat-22 ta' Novembru, 1909, kif emendat bl-ieħor tal-5 ta' Novembru 1942, jista' jsir appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat (a) b'jedd, minn kull sentenza finali ta' din il-Qorti, meta l-ħaġa li hemm appell fuqha hija ta' ammont ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew jekk fil-ħaġa li hemm appell fuqha tidħol, direttament jew indirettament, xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew jedd ċivili ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed; (b) fid-diskrezzjoni tal-Qorti, minn kull sentenza oħra tagħha, finali jew interlokutorja, kemm il-darba, fil-fehma tagħha, il-kwistjoni li hemm appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-Order in-Council fuq imsemmi, biex jingħata appell bi dritt lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat, hemm bżonn li s-sentenza, li kontra tagħha jintalab biex isir dak l-appell, tkun definittiva u finali. U "no order, judgment, or other proceeding can be final, which does not at once affect the status of the parties, for whichever side the decision may be given, so that, if it is given for the

plaintiff, it is conclusive against the defendant, and, if it is given for the defendant, it is conclusive against the plaintiff" (ara sentenza riportata fil-Bentwich, The Practice of the Privy Council in Judicial Matters, 1937 edition, page 105, in re "Standard Discount Co. vs La Grange", b'riferenza għal sentenza oħra hemm indikata). Sentenza oħra tal-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, riportata fin-News Digest of English Case Law (ediz. II, Vol. XVI, p. 580), irriteniet li "an order is not a final order, unless it finally disposes of the rights of the parties";

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 1957, li kontra tagħha qiegħed jintalab biex isir appell lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat, ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-atturi, u konsegwentement il-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dik l-eċċezzjoni ġiet milqugħa għaliex l-attriċi Emmanuela Schembri, meta ntavolat din il-kawża, kienet interdetta, u għalhekk ma setgħetx, skond il-liġi, tidher f'kawża quddiem il-Qorti, sew bħala attriċi sew bħala konvenuta. Lanqas seta' jidher u jippromwovi l-kawża l-kuratur tagħha, minħabba l-indoli strettament personali tal-azzjoni proposta, in bażi għad-dispożizzjoni tal-liġi nterpretata skond id-dottrina u l-ġurisprudenza fl-istess sentenza ċitati;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dokument fil-fol. 97 u 98 tal-proċess, l-appellanti Emmanuela Schembri ma għadhiex interdetta, u ġiet abilitata li tidher f'kawża quddiem il-Qorti, purkè bl-assistenza tal-kuratur tagħha Dr Filippo Nicolo' Butigieg. Konsegwentement, hija l-lum tista', b'dik l-assistenza, tirriproponi kontra żewġha l-kawża għas-separazzjoni personali mingħajr ma tista' tiġi kontra tagħha opposta l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna, li kienet l-ostakolu għall-propożizzjoni tal-istanza minnha inoltrata biċ-ċitazzjoni preżentata fit-22 ta' April 1955. L-appellanti, għalhekk, għandha r-rimedju li terġa ġġib quddiem dawn il-Qrati l-pretensjonijiet tagħha ġa dedotti b'dik iċ-ċitazzjoni; u la

darba huwa hekk, ma jistax jingħad li bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar 1957 id-drittijiet tagħha ġew definittivament u irrimedjabbilment miċħuda, kif meħtieġ, skond il-ġurisprudenza fuq riportata, biex is-sentenza, li kontra tagħha qiegħed jintalab il-permess għall-appell quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha tista' tiġi għal dak l-effett meqjusa bħala definittiva u finali;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti ssottomettew li bis-sentenza fuq imsemmija tat-22 ta' Frar 1957 ġiet riżoluta kwistjoni ta' importanza kbira, li tirrendi dik is-sentenza, anki jekk mhux finali, appellabbli, fid-diskrezzjoni tal-Qorti, lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maesta Tagħha r-Reġina, skond il-paragrafu (b) tad-dispożizzjoni fuq riportata tal-Order-in-Council superjorament ċitat. Iżda, kif ġie kostantement deċiż minn dina l-Qorti (Vol. XXII-1-229; Vol. XXXIII-1-242; 1 ta' Marzu 1954 in re "Baldacchino vs. Onor. Caruana Demajo ne."; u 11 ta' Marzu 1955 in re "Camilleri vs. Pace"), sabiex din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha in bażi għall-imsemmi paragrafu (b) tas-sezzjoni 2 tal-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-ieħor tal-5 ta' Novembru 1942, jeħtieġ li l-kwistjoni tkun ta' importanza talment eċċezzjonali li tiġġustifika l-Qorti, wara li tqies speċjalment iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li teżerċita dik id-diskrezzjoni;

F'dan il-każ, si tratta ta' kwistjoni ġa deċiża u ta' prinċipju ġa applikat fl-interpretazzjoni tal-liġi in materja, minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ġunju 1922, in re "Mallia Tabone utrinque" (Vol. XXI-I-418), u tal-4 ta' Ġunju 1945 in re Cascun untrinque" (Vol. XXXII-I-251). Għalhekk, ma hemm involut ebda punt ta' dritt speċjali u ġdid; u jekk għall-atturi l-kwistjoni jista' jkollha importanza gravi, b'daqshekk mhix ta' importanza ġenerali jew publika, jew xort'oħra eċċezzjonali. Konsegwentement, dik il-kwistjoni mhix tali li tiġġustifika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni fuq imsemmija da parti ta' din il-Qorti. Barra minn dan, kif diġà ġie iżjed il-fuq rilevat, l-atturi jistgħu l-lum jirriproponu l-azzjoni għas-separazzjoni kontra l-konvenut,

il-kwistjoni deċiża bis-sentenza tat-22 ta' Frar 1947 hija prattikament akkademika; u kif jgħid il-Bentwich (op. ċit p. 119), "it is not the province of the Judicial Committee to debate or resolve academic questions";

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;

Wara li tastjeni li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba minħabba r-rinunzja għaliha da parti tal-appellanti (fol. 94);

Tirrespinġi t-talba tal-atturi għall-permess biex jappellaw lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar 1975; u tordna li, minħabba n-novità tal-kwistjoni nvoluta, l-ispejjeż ma jiġux taxxati; iżda bid-dritt tar-Reġistru kontra l-atturi.